SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 53-19**

**14 ta' Frar 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras - Kunsillier
Caroline Galea - Kunsilliera
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadt

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**53.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji tal-Kunsillieri.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 52-19**

**53.2.1** ***Proġett tal-Promenade f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 52.2.2 u staqsa kienux lesti l-proposti tal-proġett tal-Promenade. Is-Sindku wieġeb li l-perit ser ikun qed jibgħathom lill-Kunsill.

**53.2.2** ***Car Sharing Go To Points***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 52.10.2 u staqsa min ħa jdaħħal il-flus taċ-Charging Points. Is-Sindku qal li ser jiċċekja dwar dan.

**53.2.3** ***Three Phase Cable fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 52.5.10 u staqsa jekk kienx ġie ikkonnetjat il-*cable* fi Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li ser ikun lest din il-ġimgħa.

**53.2.4 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 52-19 ġew approvati mill-Kunsill.

**53.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**53.3.1** ***Kwotazzjoni għal xogħol ta' tikħil u kisi ta' saqaf fl-Annex tal-Kunsill***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' €493 għall-xogħol fl-*annex* tal-Kunsill liema kwotazzjoni tinkludi ix-xogħol kif ukoll il-materjal.

**53.3.2** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM53-19 għall-perjodu bejn l-24 ta' Jannar 2019 sal-11 ta' Frar 2019 u minn *cheque* numru BOV 7484 sa *cheque* numru BOV 7517.

**53.4 Kommunikazzjonijiet**

**53.4.1** ***Call for Proposals – Art in Public Spaces Programme 2019-2021***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien avviċinaħ artist li kellu l-ħsieb li jitfa proposta tiegħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li jikkolabora mal-artist li diġa identifika post fil-lokalita ta'

Santa Luċija bħala s-sit ideali għal proposta artistika tiegħu.Il-Kunsill qabel ukoll li jara x-xogħol tal-arti li ser ikun qed jiġi propost taħt din l-iskema.

**53.4.2** ***Ftehim bejn il-Kunsill ta' Santa Lucija u MCAST dwar inizjattiva għall-istudenti.***

Is-Sindku ippeżenta dokument ta' Protocol bejn l-MCAST u l-Kunsill ta' Santa Luċija. Qamet diskussjoni dwar din l-inizjattiva li ntlaqgħet tajjeb mill-Kunsill. Il-Kunsil qabel li jikkopera mal-MCAST fuq inizjattivi ta' ħidma fil-lokalita' ta' Santa Luċija li tista titwettaq minn studenti ta' dan il-kulleġġ.

**53.4.3** ***Fondi mir-Reġjun għal proġett f'Santa Luċija.***

Is-Sindku nforma dwar fondi li jammontaw għas-somma ta' €18,000.00 li ser jingħataw lil kull wieħed mill-Kunsilli li jagħmlu parti mir-Reġjun Nofsinhar. Huwa qal li l-Kunsill irid jissottometti proposta sa l-aħħar tal-Frar u l-proposta finali sat-8 ta' Marzu 2019. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li jipproponi l-proġett ta' *railing* madwar l-*area* tal-*playing field* kollha. Il-Viċi Sindku offra li jaħdem fuq din il-proposta.

**53.4.4** ***Kunċert mużikali mill-Orkesta Medina Music Foundation***

Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku jitkellem dwar l-inizjattiva hawn fuq imsemmija. Is-Sur Cutajar nforma l-Kunsill li ser issir applikazjoni lill-Awtorita' tat-Turiżmu taħt skema għall-avvenimenti sponsorjati mill-Awtorita'. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun qed jipproponi li jingħata *sponsership* tal-ispiza nvoluta biex jittella' kunċert mużikali u l-Kunsill minn naħa tiegħu jħallas is-somma sa' elf ewro mill-ispiża totali.

**53.4.5** ***Proposta ta' Bus Terminus f'Dawret it-Torri***

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-proposta tal-arranġamenti proposti minn Transport Malta biex il-*bus terminus* jiġi f'Dawret it-Torri quddiem il-ħwienet. Is-Sindku ppropona li z-*zebra crossing* tinzel aktar 'l isfel fit-triq biex il-*parking bays* li ser jitneħħew ikunu jistgħu jsiru aktar 'l isfel u ma jintilfux hafna *parking spaces*. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u qabel li għandha tintbgħat lill-Transport Malta.

**53.4.6** ***Ħatra ta' Data Protection Officer***

Il-Kunsill laqgħa l-proposta tar-Reġun Nofsinhar biex tinħareġ sejħa mill-Kunsilli Reġjonali għal servizz ta' Data Protection Officer fejn imbgħad, il-Kunsilli li jiffurmaw parti minn dak ir-reġjun rispettiv, jinnominaw lil dik il-peruna maħtura.

**53.4.7** ***Change Request Form***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ċ-Change Request Review Bord kien laqa' t-talba tal-Kunsill biex iġedded id-data tat-tlestija tax-xogħol ta' kisi ta' toroq f'Wied Garnaw taħt il-Measure 4.3 u jissottometti l-kontijiet sal-31 ta' Marzu 2019.

***Ċirk 3-2019 -Fondi għaż-Żamma ta' Proġetti***

**53.4.8** Il-Kunsill ikkunsidra iċ-ċirkulari hawn fuq imsemmija u qabel li din ma tapplikax għall-Kunsill peress li l-proġett li tlesta fis-sena 2017 issa kien ser jinqgħala parti minnu bill-proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani.

***Talba għar-Rimborż***

**53.4.9** Is-Sindku ppreżenta rapport tal-pulizija dwar inċident fuq vettura privata li saritilha ħsara meta weħlet fit-triq mimlija tajn li kienet f'fażi ta' xogħol li kien qed isir mill-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-ispiża biex issewwew il-ħsarat fuq din il-vettura kienet stmata li tammonta għas-somma ta' €325.20. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li jkopri din l-ispiża. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ikun hemm aktar inċidenti bħal dawn kawża ta' dewmien minn naħa tal-kuntrattur, irid ikun l-istess kuntrattur li jagħmel tajjeb għal dawn il-ħsarat.

***Talba għall-permess biex isiru intervisti mill-Uffiċċju tal-Kunsill***

**53.4.10** Il-kunsill laqgħa talba minn studenta li qed tistudja għal Dottorat fil-Farmaċija biex twettaq riċerka dwar servizzi farmaċewtiċi fost residenti li jiġi fl-uffiċċju tal-Kunsill.

***Suġġeriment numru 05-2019***

**53.4.11** Il-Kunsill innota suġġeriment minn residenta li qed tipproponi li terġa tinfetaħ L-Exit minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout fil-ħinijiet ta' filgħodu kmieni sakemm jitlestew ix-xogħolijiet li għadejjin bħalissa fi Triq Luqa. Din ir-residenta ilmentat li fiċ-ċirkustanzi il-vetturi qed idumu wisq biex joħorġu minn Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li din il-proposta tintbgħat lill-Transport Malta.

**53.5** **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Għas-Sena 2018 u Rapport Finanzjarju tar-raba' kwart tas-Sena 2018**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat Rapport Finanzjarju Għas-Sena 2018. Hija qalet li dan ir-rapport ġie mħejji mill-Accountant tal-Kunsill li kienet preżenti għal din il-laqgħa. Fil-kummenti tagħha l-Accountant qalet li din is-sena d-*depreciation* fuq l-assi tal-Kunsill ġiet maħduma bl-*straight line method*. Hija qalet li b'dan il-metodu ammont sostanzjali tal-assi tal-Kunsill ġew *written off*. Hija spjegat li riżultat ta' dan, l-ammont ta' *depreciation*

telgħa għas-somma ta’ €94, 590.00 komperat ma’ dak tas-sena 2017 li kien jammonta għas-somma ta’ €35,748.00. l-Accountant qalet ukoll li fejn qabel il-*grants* kienu jinqgħatu ftit kull sena, mis-sena 2018 dawn il-*grants* ġew imnaqqsin mill-ispiza relatat magħhom. Ġie nutat li dan il-proċess tekniku irriżulta f’deficit ta’ €13,993.00 għas-sena 2018. Il-Kunsill innota wkoll li fis-sena 2018 inqata’ l-Bank Loan li kellu l-Kunsill fuq ix-xiri tal-*premises* tal-Kunsill. Fuq proponiment tas-Sindku li kien issekondat mill-Viċi Sindku, l-Kunsill approva r-rapport finanzjarju għas-sena 2018. Il-Kunsill approva wkoll ir-rapport finazjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2018 li kien rifless fir-rapport finazjarju għas-sena 2018.

**Budget 2019**

**53.6** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport finali tal-*budget* għas-sena 2019 li kien ġie diskuss mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Wara diskussjoni qasira dwar il-proġetti kapitali, l-Kunsill qabel mar-rapport tal-Budget 2019.

**Kuntratt tal-Ġbir ta’ Skart Goff**

**53.7** Il-Kunsill iddiskuta u irreveda *draft* tad-dokument tal-Kuntratt tal-Ġbir ta’ Skart u ta l-approvazzjoni tiegħu biex toħroġ sejħa fuq l-*e-PPS* għal dan il-kuntratt li wasal biex jiskadi.

**53.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras fir-rigward ta’ rotta numru 80 il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Transport Malta biex din tibqa topera fix-xitwa wkoll.

**53.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 26 ta’ Marzu 2019 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta’ ____________ 2019**

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |